EBA/GL/2020/13

30 ta' Settembru 2020

# Linji gwida

## dwar is-subsettijiet xierqa ta' skoperturi settorjali li għalihom l-awtoritajiet kompetenti jew nominati jistgħu japplikaw riżerva tar-riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133(5)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew, fejn differenti, l-awtoritajiet nominati msemmija fl-Artikolu 133(3) tad-Direttiva 2013/36/UE[2], li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jew nominati għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa (10.01.2021). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jew nominati għandhom jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2020/13". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti jew nominati tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[2] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, skont l-Artikolu 133(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, is-subsettijiet xierqa tal-iskoperturi settorjali li għalihom l-awtorità rilevanti tista’ tapplika riżerva tar-riskju sistemiku (SyRB) skont l-Artikolu 133(5)(f) ta’ dik id-direttiva.

6. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jispeċifikaw aktar l-applikazzjoni tar-riżerva tar-riskju sistemiku (SyRB) għal dawk is-subsettijiet ta’ skoperturi settorjali f’konformità mal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, b’mod partikolari, ir-rilevanza sistemika tar-riskji li jirriżultaw minn dawn l-iskoperturi settorjali, l-interazzjoni ta’ SyRB settorjali ma’ miżuri makroprudenzjali oħra u r-reċiproċità.

## Kamp ta’ applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-impożizzjoni fuq l-istituzzjonijiet mill-awtorità rilevanti ta’ rekwiżit li jinżamm SyRB skont l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE għal subsett ta’ kwalunkwe waħda mill-iskoperturi settorjali li jinsabu fi Stat Membru identifikat fl-Artikolu 133(5)(b) ta’ dik id-direttiva.

## Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew, fejn differenti, awtoritajiet nominati msemmija fl-Artikolu 133(3) tad-Direttiva 2013/36/UE (it-tnejn li huma magħrufa bħala “awtoritajiet rilevanti”).

## Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE jew fir-Regolament (UE) 575/2013[3] għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   “Proprjetà immobbli kummerċjali” tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli li mhijiex proprjetà residenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(75) tar-Regolament (UE) 575/2013.

   “Kreditu għall-konsum” tfisser kreditu għall-konsum kif definit fil-kategorija 2 tal-Parti 2 tal-Anness 2 għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew[4].

[3] Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[4] Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta’ Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

"Dimensjoni ta' skopertura" tfisser karatteristika speċifika ta' skopertura.

"Element ta' dimensjoni ta' skopertura" tfisser subdiviżjoni ta' dimensjoni ta' skopertura.

"Korporazzjoni finanzjarja" tfisser korporazzjoni finanzjarja kif definita fil-paragrafu 2.55 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013[5].

"Self FX" tfisser self FX kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju[6].

"Gvern ġenerali" tfisser gvern ġenerali kif definit fil-paragrafu 2.111 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

"Unità istituzzjonali" tfisser unità istituzzjonali kif definita fil-paragrafu 1.57 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

"Persuna ġuridika" tfisser entità ġuridika kif definita fil-punt (5) tar-Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew[7].

"Persuna fiżika" tfisser unità domestika kif definit fil-paragrafu 2.118 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

"Korporazzjoni mhux finanzjarja" tfisser korporazzjoni mhux finanzjarja kif definita fil-paragrafu 2.45 tal-Anness A għar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

"Improduttiva" tfisser il-kategorizzazzjoni ta' skopertura bħala improduttiva skont il-paragrafi 213-219 tal-Parti 2 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014[8].

"Awtorità rilevanti" tfisser l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata, kif applikabbli, imsemmija fl-Artikolu 133(3) tad-Direttiva 2013/36/UE.

"Proprjetà residenzjali" tfisser proprjetà residenzjali kif definita fil-punt (75) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

"Skoperturi fil-livell tal-konsumatur" tfisser skoperturi li huma eliġibbli għall-klassi ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont l-Artikolu 123 tar-Regolament 575/2013.

[5] Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

[6] EBA/GL/2014/13, kif emendat.

[7] Regolament (UE) 2016/867 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-ġbir ta' mikrodata dwar il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (BĊE/2016/13) (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 44).

[8] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

“Skoperturi settorjali” tfisser il-kategoriji tal-iskoperturi identifikati fil-punt (b) tal-Artikolu 133(5)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE.

“Proporzjon tad-dejn totali mal-EBITDA” tfisser il-proporzjon tad-dejn totali mal-EBITDA kif definit fit-Taqsima 3 tal-Gwida tal-BĊE dwar it-tranżazzjonijiet ingranati (Mejju 2017).

“Skopertura mhux garantita” tfisser skopertura li mhijiex iggarantita b’rahan, ipoteka jew garanzija oħra li għandha tintuża f’każ li d-debitur jonqos milli jagħmel il-pagament.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mid-29 ta’ Diċembru 2020.

# 4. Kriterji għall-identifikazzjoni ta’ subsettijiet ta’ skoperturi settorjali

11. Soġġett għat-Taqsimiet 5 u 7, meta japplikaw SyRB skont l-Artikolu 133(4) u (5)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jidentifikaw subsett jew subsettijiet ta’ skoperturi settorjali billi jikkombinaw element wieħed jew subelement wieħed minn kull waħda mid-dimensjonijiet li ġejjin tal-iskoperturi:

    a. it-tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti;

    b. it-tip ta’ skopertura; u

    c. it-tip ta’ kollateral

    Il-lista ta’ elementi, inkluż it-tqassim tagħhom, taħt kull dimensjoni hija speċifikata fit-Taqsima 6.

12. Minbarra s-sett minimu ta’ dimensjonijiet imsemmi fil-paragrafu 11, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu, fejn xieraq, debitament ġustifikati u proporzjonati sabiex jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 133(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, ikomplu jikkombinaw l-elementi jew is-subelementi magħżula tad-dimensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 11 ma’ element jew subelement wieħed minn kwalunkwe waħda mis-subdimensjonijiet korrelatati li ġejjin, kif ġej:

    a. attività ekonomika (għall-element “persuna ġuridika” tad-dimensjoni “tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti”);

    b. il-profil tar-riskju (għad-dimensjoni “tip ta’ skopertura”); u

    c. ż-żona ġeografika (għad-dimensjoni “tip ta’ kollateral”).

Il-lista ta' elementi taħt kull subdimensjoni, inkluż it-tqassim tagħhom, hija speċifikata fit-Taqsima 6.

13. B'deroga mill-paragrafu 12, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jikkombinaw, jekk jitqies meħtieġ, żewġ elementi mis-subdimensjoni "profil tar-riskju" dment li r-riskji li jirriżultaw mis-subsett immirat ta' skoperturi settorjali jkunu sistemikament rilevanti skont it-Taqsima 5.

14. Eżempji ta' kombinazzjonijiet possibbli ta' elementi u subelementi tad-dimensjonijiet u s-subdimensjonijiet imsemmija f'din it-taqsima huma inklużi fl-Anness 2.

# 5. Kriterji għall-valutazzjoni tar-rilevanza sistemika tar-riskji li jirriżultaw mis-subsettijiet ta' skoperturi settorjali

15. Meta jidentifikaw subsett ta' skoperturi settorjali li għalihom l-awtoritajiet rilevanti jistgħu japplikaw SyRB, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw jekk huwiex ġustifikat li jattivaw SyRB settorjali abbażi tar-rilevanza sistemika tar-riskji li jirriżultaw mis-subsett ta' skoperturi settorjali li jixtiequ jimmiraw għalihom, filwaqt li jqisu s-sorsi differenti li minnhom jistgħu jirriżultaw dawn ir-riskji minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja nazzjonali, u jevitaw applikazzjoni granulari żżejjed ta' SyRB settorjali.

16. Għall-fini tal-paragrafu 15, l-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jagħmlu valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tar-rilevanza sistemika tar-riskji li jirriżultaw mis-subsett ta' skoperturi settorjali, inkluż, fejn xieraq, l-istabbiliment ta' livelli limitu ta' materjalità.

17. Fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 16, l-awtoritajiet rilevanti għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

    a. id-daqs;

    b. il-livell ta' riskju; u

    c. l-interkonnettività.

## 5.1. Daqs

18. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw jekk id-daqs tas-subsett immirat tal-iskoperturi settorjali jistax iwassal għal riskju serju għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. Għal dawn il-finijiet, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jqisu d-daqs relattiv tas-subsett għall-assi totali tas-sistema bankarja domestika, għall-assi totali ponderati għar-riskju tas-sistema bankarja domestika, għall-kapital totali tas-sistema bankarja domestika, u għall-PDG tal-ekonomija domestika. L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jqisu wkoll, fejn rilevanti, kunsiderazzjonijiet oħra bħall-istruttura tas-suq għal ċerti skoperturi.

### 5.2. Livell ta' riskju

19. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw jekk ir-riskju tal-kreditu, tas-suq u tal-likwidità tas-subsett immirat tal-iskoperturi huwiex korrelatat mal-kobor tat-telf li jirriżulta minn dan is-subsett. Il-kejl possibbli tal-livell ta' riskju jista' jqis ir-rati storiċi ta' telf/indeboliment, l-iżviluppi tal-PD/LGD, l-aġġustamenti tal-valur u l-iżviluppi tas-suq. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll indikaturi li jħarsu 'l quddiem inkluż telf taħt żviluppi makroekonomiċi negattivi, minħabba n-natura preventiva tal-bafers makroprudenzjali.

### 5.3. Interkonnettività

20. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw jekk subsettijiet oħra ta' skoperturi jew atturi tas-suq finanzjarju jiddependux direttament u/jew indirettament mis-subsett immirat ta' skoperturi settorjali u jekk il-materjalizzazzjoni tar-riskju fis-subsett immirat tistax twassal għal effetti konsegwenzjali materjali diretti u/jew indiretti negattivi għal skoperturi oħra jew għal atturi tas-suq finanzjarju.

## 6. Klassifikazzjoni tad-dimensjonijiet u tas-subdimensjonijiet

21. Id-dimensjonijiet u s-subdimensjonijiet ta' subsett ta' skoperturi settorjali msemmija fit-Taqsima 4 għandhom jinkludu l-elementi speċifikati f'din it-taqsima. Il-ħarsa ġenerali lejn id-dimensjonijiet u s-subdimensjonijiet korrelatati u l-elementi tagħhom li għandhom jintużaw biex jiġi identifikat subsett speċifiku ta' skoperturi settorjali skont dawn il-linji gwida hija inkluża fl-Anness 1.

### 6.1. It-tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti

22. Id-dimensjoni "tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti" għandha tinkludi żewġ elementi reċiprokament esklussivi:

6.1.1. persuna ġuridika; jew

6.1.2. persuna fiżika.

23. L-element "persuna ġuridika" għandu jinkludi s-subelementi li ġejjin:

6.1.1.1. korporazzjonijiet mhux finanzjarji;

6.1.1.2. korporazzjonijiet finanzjarji; u

6.1.1.3. gvern ġenerali.

#### 6.1.a. Attività ekonomika

24. Is-subdimensjoni "attività ekonomika" għandha tinkludi l-attivitajiet ekonomiċi identifikati b'kodiċi alfabetiku fl-ewwel livell (taqsimiet) tal-klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet

ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Reviżjoni 2) kif stabbilit fl-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 1893/2006[9].

## 6.2. Tip ta' skopertura

25. Id-dimensjoni "tip ta' skopertura" għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

6.2.1. l-iskoperturi kollha;

6.2.2. skoperturi fil-livell tal-konsumatur; u

6.2.3. għajr skoperturi fil-livell tal-konsumatur.

26. Tista' tiġi kkunsidrata diżaggregazzjoni ulterjuri skont l-istrumenti li ġejjin, wara l-klassifikazzjoni stabbilita fl-Annessi II u IV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014[10]:

a. entrati fil-karta tal-bilanċ:

i. strumenti azzjonarji,

ii. titoli ta' dejn u

iii. self u avvanzi.

b. entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ:

iv. impenji ta' self mogħtija,

v. garanziji finanzjarji mogħtija u

vi. impenji oħrajn mogħtija.

27. L-istrument "self u avvanzi" għandu jinkludi d-diżaggregazzjoni li ġejja:

iii.a self FX; u

iii.b kreditu għall-konsum.

### 6.2.a. Profil tar-riskju

28. Is-subdimensjoni "profil tar-riskju" għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

[9] Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

[10] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

6.2.a.1. improduttivi;

6.2.a.2. ponderazzjoni tar-riskju;

6.2.a.3. il-proporzjon tad-dejn totali mal-EBITDA (għall-persuni ġuridiċi biss);

6.2.a.4. il-proporzjon bejn is-self u l-valur (LTV);

6.2.a.5. il-proporzjon bejn is-self u l-introjtu (għall-persuni fiżiċi biss);

6.2.a.6. il-proporzjon tad-dejn mal-introjtu (DTI) (għall-persuni fiżiċi biss); u

6.2.a.7. il-proporzjon bejn is-servizz tad-dejn u l-introjtu (għall-persuni fiżiċi biss).

L-elementi 6.2.a.4 sa 6.2.a.7 għandhom isegwu l-metodi għall-kejl u l-kalkolu tagħhom u d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi IV u V għar-Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 dwar l-għeluq ta’ lakuni fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli kif emendata bir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-21 ta’ Marzu 2019 (BERS/2019/3).

L-elementi 6.2.a.1 sa 6.2.a.7 għandhom jinkludu l-indikazzjoni ta’ limitu li għandu jinqabeż jew le meta jiġi identifikat subsett ta’ skoperturi.

## 6.3. Tip ta’ kollateral

29. Id-dimensjoni “tip ta’ kollateral”[11] għandha tinkludi l-elementi reċiprokament esklussivi li ġejjin:

6.3.1. garantit/kollateralizzat; u

6.3.2. mhux garantit.

30. L-element “garantit/kollateralizzat” għandu jinkludi s-subelementi li ġejjin:

6.3.1.1. it-tipi kollha ta’ kollateral;

6.3.1.2. garantiti bi proprjetà residenzjali (RRE);

6.3.1.3. garantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali (CRE); u

6.3.1.4. garantiti mhux bi proprjetà immobbli.

[11] Għal skopijiet ta’ preżentazzjoni, mhux garantit huwa kklassifikat bħala tip ta’ kollateral.

### 6.3.a. Żona ġeografika

31. Is-subdimensjoni "żona ġeografika" għandha tinkludi l-elementi li ġejjin (unitajiet territorjali), skont il-klassifikazzjoni komuni Ewropea ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1059/2003[12]:

6.3.a.1. Stat Membru (unità territorjali tal-livell 1 tan-NUTS[13]);

6.3.a.2. reġjun ta' Stat Membru (unità territorjali tal-livell 2 tan-NUTS); u

6.3.a.3. sottoreġjun jew belt tal-unitajiet territorjali preċedenti (unità territorjali tal-livell 3 tan-NUTS).

32. Meta jiġi kkombinat element wieħed mis-subdimensjoni "żona ġeografika" ma' element jew subelement tad-dimensjoni "tip ta' kollateral", is-subdimensjoni "żona ġeografika" għandha tinftiehem kif ġej:

a) meta l-iskopertura tkun garantita minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali, is-subdimensjoni tirreferi għall-post speċifiku tal-proprjetà (reġjun, subreġjun jew belt) fl-Istat Membru jew għall-iskoperturi kollha ggarantiti f'dak l-Istat Membru;

b) meta l-iskopertura tkun garantita minn proprjetà li mhijiex proprjetà immobbli, is-subdimensjoni tirreferi, fil-każ ta' persuni fiżiċi, għall-post ta' residenza tad-debitur jew tal-kontroparti (reġjun, subreġjun jew belt) fl-Istat Membru jew għall-iskoperturi kollha ggarantiti mhux bi proprjetà immobbli f'dak l-Istat Membru u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi, il-post speċifiku tal-uffiċċju rreġistrat tal-persuna ġuridika (reġjun, subreġjun jew belt) fl-Istat Membru;

c) meta l-iskopertura ma tkunx garantita, is-subdimensjoni tirreferi, fil-każ ta' persuni fiżiċi, għall-post ta' residenza speċifiku tad-debitur jew tal-kontroparti (reġjun, subreġjun jew belt) fl-Istat Membru jew għall-iskoperturi mhux garantiti kollha f'dak l-Istat Membru u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi, il-post speċifiku tal-uffiċċju rreġistrat tal-persuna ġuridika (reġjun, subreġjun jew belt) fl-Istat Membru.

[12] Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1), kif emendat.

[13] Fil-każijiet ta' Stati Membri akbar, NUTS 1 ma tirreferix għall-Istat Membru kollu iżda għar-reġjuni tiegħu. Għalhekk, dan il-livell jinżamm bħala element għalkemm għal xi Stati Membri dan il-livell mhux se jkun rilevanti.

# 7. Prinċipji ġenerali meta jiġi identifikat subsett ta' skoperturi settorjali

33. Meta tkun qed tidentifika subsett ta' skoperturi settorjali f'konformità mat-Taqsimiet 4 sa 6, l-awtorità rilevanti jenħtieġ li tiżgura l-bilanċ it-tajjeb bejn l-indirizzar tar-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi li jirriżultaw mis-subsett fil-mira u l-konsegwenzi mhux intenzjonati tal-applikazzjoni ta' SyRB għal dan is-subsett.

34. Sabiex tiġi ffaċilitata identifikazzjoni xierqa ta' subsettijiet ta' skoperturi settorjali li għalihom tista' tapplika SyRB, u b'mod partikolari biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u għadd doppju tar-riskji, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, fejn differenti.

## 7.1. Interazzjonijiet mhux ġustifikati ma' miżuri makroprudenzjali oħra

35. Għall-finijiet tal-paragrafu 32, l-awtoritajiet rilevanti għandhom b'mod partikolari:

a. jiżguraw li r-riskji li qed jiġu indirizzati bl-applikazzjoni ta' SyRB settorjali determinata skont dawn il-linji gwida huma definiti b'mod ċar u bir-reqqa;

b. iqisu u jispeċifikaw, meta jkunu qed jippjanaw li jintroduċu SyRB settorjali, l-interazzjoni ma' miżuri makroprudenzjali attivi oħra sabiex jevitaw li jattivaw SyRB b'mod mhux ġustifikat għal riskji li diġà ġew indirizzati minn dawk il-miżuri makroprudenzjali;

c. jevitaw interazzjonijiet mhux ġustifikati li jistgħu jfeġġu bejn SyRBs jekk l-istess riskji sistemiċi jkunu fil-mira ta' diversi SyRBs (SyRBs settorjali u/jew usa') jew fejn l-istess element għall-identifikazzjoni ta' subsett ta' skoperturi settorjali jintuża f'SyRBs settorjali multipli.

## 7.2. Reċiproċità

36. Meta jidentifikaw subsett xieraq ta' skoperturi settorjali li għalihom l-awtoritajiet rilevanti jistgħu japplikaw SyRB, huma għandhom iqisu dan li ġej:

a. L-applikazzjoni eċċessivament granulari ta' SyRB settorjali se tiddiżinċentiva lil awtoritajiet oħra milli jirreċiprokaw skont l-Artikolu 134 tad-Direttiva 2013/36/UE jekk l-implimentazzjoni tal-miżura mill-istituzzjonijiet u l-monitoraġġ sussegwenti mill-awtoritajiet rilevanti x'aktarx li jkunu assoċjati ma' spejjeż għoljin,

b. Il-lakuni fid-*data* li jirriżultaw minn definizzjonijiet mhux armonizzati jistgħu jeżistu bejn il-ġurisdizzjonijiet, u dan iwassal għal sfidi fir-reċiproċità tal-miżura u għalhekk fl-effettività tal-miżura. Sabiex jitnaqqsu dawn il-lakuni, l-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jagħmlu użu minn sorsi ta' *data* preeżistenti.

37. Sabiex tkun sempliċi kemm jista’ jkun ir-reċiproċità għall-awtoritajiet reċiprokanti, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru li jattiva għandu jkollhom l-għan li jipprovdu l-informazzjoni kollha (inklużi d-definizzjonijiet u l-kalkoli rilevanti) li huma jqisu rilevanti u mhux disponibbli għal Stati Membri oħra sabiex l-awtoritajiet reċiprokanti jkunu jistgħu jivvalutaw b’mod adegwat jekk għandhomx jirreċiprokaw ir-rata ta’ SyRB.

38. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw ir-Rakkomandazzjoni 2015/2 tal-BERS dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta’ miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom u jirreċiprokaw, fejn xieraq, il-miżuri SyRB introdotti fi Stati Membri oħra.

## 7.3. Divulgazzjoni

39. L-awtoritajiet rilevanti għandu jkollhom l-għan li jiżvelaw pubblikament kwalunkwe regola jew gwida ġenerali, inklużi l-limiti ta’ materjalità msemmija fit-Taqsima 5 ta’ dawn il-linji gwida, fejn applikabbli, maħruġa sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-linji gwida, dment li l-iżvelar ta’ tali informazzjoni ma jipperikolax l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

# Anness 1 – Lista ta’ dimensjonijiet u subdimensjonijiet applikabbli għal kull skopertura settorjali ta’ livell għoli

| **(i) Skoperturi fil-livell tal-konsumatur għal persuni fiżiċi li huma ggarantiti bi proprjetà residenzjali** | **(ii) Skoperturi għal persuni ġuridiċi li huma ggarantiti b’ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali** | **(iii) Skoperturi għal persuni ġuridiċi minbarra dawk speċifikati fil-punt (ii)** | **(iv) Skoperturi għal persuni fiżiċi minbarra dawk speċifikati fil-punt (i)** |
|---|---|---|---|
| **1. It-tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti**<br>i. Persuni fiżiċi | **1. It-tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti**<br>i. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji<br>ii. Korporazzjonijiet finanzjarji<br>iii. Gvernijiet ġenerali | **1. It-tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti**<br>i. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji<br>ii. Korporazzjonijiet finanzjarji<br>iii. Gvernijiet ġenerali | **1. It-tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti**<br>i. Persuni fiżiċi |
| | **1.a. Attività ekonomika**<br>i. NACE A – S | **1.a. Attività ekonomika**<br>i. NACE A – S | |
| **2.Tip ta’ skopertura**<br>i. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur<br><u>Skont l-istrument</u><br>i. Strumenti azzjonarji<br>ii. Titoli ta’ dejn<br>iii. Self u avvanzi | **2. Tip ta’ skopertura**<br>i. L-iskoperturi kollha<br>ii. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur<br>iii. Minbarra fil-livell tal-konsumatur<br><u>Skont l-istrument</u><br>i. Strumenti azzjonarji | **2. Tip ta’ skopertura**<br>i. L-iskoperturi kollha<br>ii. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur<br>iii. Minbarra fil-livell tal-konsumatur<br><u>Skont l-istrument</u><br>i. Strumenti azzjonarji<br>ii. Titoli ta’ dejn<br>iii. Self u avvanzi | **2. Tip ta’ skopertura**<br>i. L-iskoperturi kollha<br>ii. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur<br>iii. Minbarra fil-livell tal-konsumatur<br><u>Skont l-istrument</u><br>i. Strumenti azzjonarji<br>ii. Titoli ta’ dejn<br>iii. Self u avvanzi |

| (i) Skoperturi fil-livell tal-konsumatur għal persuni fiżiċi li huma ggarantiti bi proprjetà residenzjali | (ii) Skoperturi għal persuni ġuridiċi li huma ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali | (iii) Skoperturi għal persuni ġuridiċi minbarra dawk speċifikati fil-punt (ii) | (iv) Skoperturi għal persuni fiżiċi minbarra dawk speċifikati fil-punt (i) |
|---|---|---|---|
| a. Self FX<br>b. Kreditu għall-konsum<br>iv. Impenji ta' self mogħtija<br>v. Garanziji finanzjarji mogħtija<br>vi. Impenji oħrajn mogħtija | ii. Titoli ta' dejn<br>iii. Self u avvanzi<br>a. Self FX<br>iv. Impenji ta' self mogħtija<br>v. Garanziji finanzjarji mogħtija<br>vi. Impenji oħrajn mogħtija | a. Self FX<br>iv. Impenji ta' self mogħtija<br>v. Garanziji finanzjarji mogħtija<br>vi. Impenji oħrajn mogħtija | a. Self FX<br>b. Kreditu għall-konsum<br>iv. Impenji ta' self mogħtija<br>v. Garanziji finanzjarji mogħtija<br>vi. Impenji oħrajn mogħtija |
| **2.a. Profil ta' riskju**<br>i. Improduttivi<br>ii. Ponderazzjoni tar-riskju<br>iii. Self-valur<br>iv. Self-introjtu<br>v. Dejn-introjtu<br>vi. Servizz tad-dejn-introjtu | **2.a. Profil ta' riskju**<br>i. Improduttivi<br>ii. Ponderazzjoni tar-riskju<br>iii. Self-valur<br>iv. Proporzjon dejn-EBITDA | **2.a. Profil ta' riskju**<br>i. Improduttivi<br>ii. Ponderazzjoni tar-riskju<br>iii. Self-valur<br>iv. Proporzjon dejn-EBITDA | **2.a. Profil ta' riskju**<br>i. Improduttivi<br>ii. Ponderazzjoni tar-riskju<br>iii. Self-valur<br>iv. Self-introjtu<br>v. Dejn-introjtu<br>vi. Servizz tad-dejn-introjtu |
| **3. Tip ta' kollateral**<br>i. Garantit minn RRE | **3. Tip ta' kollateral**<br>ii. Garantit minn CRE | **3. Tip ta' kollateral**<br>i.Garantit minn RRE<br>iv.Garantit mhux bi proprjetà immobbli<br>v. Mhux garantit | **3. Tip ta' kollateral**<br>i. It-tipi kollha ta' kollateral<br>ii. Garantit minn RRE<br>iii. Garantit minn CRE<br>iv. Garantit mhux bi proprjetà immobbli<br>v. Mhux garantit |
| **3.a. Żona ġeografika**<br>i. Pajjiż (livell 1 tan-NUTS)<br>ii. Reġjun (livell 2 tan-NUTS)<br>iii. Belt (livell 3 tan-NUTS) | **3.a. Żona ġeografika**<br>i. Pajjiż (livell 1 tan-NUTS)<br>ii. Reġjun (livell 2 tan-NUTS)<br>iii. Belt (livell 3 tan-NUTS) | **3.a. Żona ġeografika**<br>i. Pajjiż (livell 1 tan-NUTS)<br>ii. Reġjun (livell 2 tan-NUTS)<br>iii. Belt (livell 3 tan-NUTS) | **3.a. Żona ġeografika**<br>i. Pajjiż (livell 1 tan-NUTS)<br>ii. Reġjun (livell 2 tan-NUTS)<br>iii. Belt (livell 3 tan-NUTS) |

# Anness 2 – Eżempji ta’ applikazzjoni tal-kriterji għall-identifikazzjoni ta’ subsettijiet ta’ skoperturi settorjali

40. Sitt eżempji jistgħu juru l-applikazzjoni tal-kriterji għall-identifikazzjoni ta’ subsettijiet ta’ skoperturi settorjali stabbiliti fit-Taqsima 4 ta’ dawn il-linji gwida. L-eżempji kollha jassumu li s-subsett huwa sistemikament rilevanti skont it-Taqsima 5 ta’ dawn il-linji gwida.

41. Eżempju 1: assumi pajjiż, X, fejn l-istokk tas-self lill-konsumatur jirrappreżenta 25 % tas-self totali. Dan is-sehem kien qed jiżdied b’mod rapidu f’dawn l-aħħar snin (imġiba ta’ tiftix għar-rendiment) prinċipalment minħabba l-marġnijiet baxxi f’self garantit u tnaqqis fl-istandards ta’ kreditu. Meta l-pajjiż X jidħol għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-ambjent ekonomiku jista’ jwassal għal żieda qawwija f’inadempjenzi/delinkwenzi fil-portafolli tas-self lill-konsumaturi. F’dan il-każ, l-awtorità rilevanti tista’, fl-irkupru ekonomiku tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti = Persuni fiżiċi
2. Tip ta’ skopertura = L-iskoperturi kollha taħt kreditu għall-konsum
3. Tip ta’ kollateral = Mhux garantit

Dan huwa subsett tar-raba’ skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.

42. Eżempju 2: assumi pajjiż, Y, fejn 70 % tas-self ipotekarju fis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali (RRE) huwa kkonċentrat fil-belt kapitali tiegħu. Is-suq tal-proprjetà immobbli fil-belt kapitali huwa sopravalutat (b’kuntrast maż-żona rurali) skont studji nazzjonali u internazzjonali. Fl-istess ħin, ir-rata tal-imgħax baxxa żiedet id-dejn tal-unitajiet domestiċi fil-pajjiż Y b’mod sinifikanti. F’dan il-każ, l-awtorità rilevanti tista’ tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta’ debitur jew settur tal-kontroparti = Persuni fiżiċi

2. Tip ta' skopertura = Skoperturi fil-livell tal-konsumatur

   2.a. Profil tar-riskju = LTV > 60 % u DTI > 4

3. Tip ta' kollateral = RRE

   3.a. Ġeografija = Belt kapitali

Dan huwa subsett tal-ewwel skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.

43. Eżempju 3: assumi pajjiż, Z, fejn 20 % tas-self totali garantit bi proprjetà immobbli huwa lis-settur agrikolu domestiku. L-istokk totali ta' self garantit bi proprjetà immobbli fil-pajjiż Z jirrappreżenta aktar mill-PDG tal-pajjiż. F'dan il-pajjiż, is-settur agrikolu mhuwiex profittabbli. Ħafna mill-iskoperturi f'dan is-settur huma għal debituri b'dejn għoli li fl-istess ħin huma sensittivi ħafna għal żidiet fir-rati tal-imgħax. Għall-pajjiż Z, dan is-subsett ta' skoperturi joħloq riskju sistemiku. L-awtorità rilevanti tista' tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti = Korporazzjonijiet mhux finanzjarji

   1.a. Attività ekonomika = NACE A

2. Tip ta' skopertura = L-iskoperturi kollha taħt self u avvanzi

   2.a. Profil tar-riskju = Proporzjon dejn-EBITDA > 4

3. Tip ta' kollateral = CRE

Dan huwa subsett tat-tieni skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.

44. Eżempju 4: assumi pajjiż, W, fejn it-total pendenti ta' bonds korporattivi jammonta għal EUR 500 biljun, li jirrappreżenta 20 % tal-PDG tal-pajjiż. Kważi 50 % ta' dawn il-bonds huma miżmuma mis-settur bankarju domestiku. Minħabba l-ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi, li ilu jippersisti għal ħafna snin, is-sehem fil-karta tal-bilanċ tal-banek ta' bonds korporattivi fil-livell inferjuri tal-grad ta' investiment żdied minn 10 % għal 40 %. F'każ

ta' reċessjoni, it-telf minn dawn il-holdings jista' jiddestabbilizza s-settur bankarju domestiku. L-awtorità rilevanti tista' tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti = Korporazzjonijiet mhux finanzjarji
2. Tip ta' skopertura = L-iskoperturi kollha taħt titoli ta' dejn
3. Tip ta' kollateral = Mhux garantit

Dan huwa subsett tat-tielet skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.

45. Eżempju 5: assumi pajjiż, P, fejn id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa relattivament għoli u l-vulnerabbiltajiet fis-suq tad-djar huma sinifikanti. Barra minn hekk, il-pajjiż P huwa kkaratterizzat minn sehem kbir ta' banek li jużaw mudelli IRB. Is-sehem tas-self ipotekarju fil-proprjetà immobbli residenzjali huwa sinifikanti fil-livell tal-pajjiż, filwaqt li l-piżijiet medji tar-riskju huma inqas minn dawk tal-pari tal-UE. F'dan il-każ, l-awtorità rilevanti tista' tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti = Persuni fiżiċi
2. Tip ta' skopertura = Skoperturi fil-livell tal-konsumatur
   - 2.a. Profil tar-riskju = Ponderazzjoni (medja) tar-riskju < 20 %
3. Tip ta' kollateral = RRE

Dan huwa subsett tal-ewwel skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.

46. Eżempju 6: assumi pajjiż, Q, fejn is-settur bankarju huwa kkaratterizzat minn karta tal-bilanċ bi kwalità ta' kreditu baxxa. F'dan il-pajjiż, ir-rata tal-imgħax ilha baxxa għal ħafna snin u ħolqot vulnerabbiltajiet strutturali. Fil-każ ta' żieda fir-rata tal-imgħax fil-futur, ir-riskju ta' qawmien mill-ġdid ta' self improduttiv jista' joħloq riskji sistemiċi serji għall-pajjiż Q. F'dan il-każ, l-awtorità rilevanti tista' għal raġunijiet preventivi tapplika SyRB settorjali għas-subsett li ġej:

1. Tip ta' debitur jew settur tal-kontroparti = Korporazzjonijiet mhux finanzjarji
2. Tip ta' skopertura = L-iskoperturi kollha
   2.a. Profil tar-riskju = (Proporzjon) ta' self improduttiv > 5 %
3. Tip ta' kollateral = CRE

Dan huwa subsett tat-tieni skoperturi settorjali msemmija fl-Artikolu 133(5)(b) tas-CRD V.